# IN-NAHLA

TA'

## AGOSTINO LEVANZIN

GAZZETTA TA' CULL GIMGHA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU

Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.

Ġiebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.

IL POETA LATIN ORAZJU.

11. | 14 TA' NOVEMBRU 1908. | L-EUUEL SENA

## Ġ'AMMARÌ ABELA.

F'is-6 ta' Novembru, f'id-9 ta' f'il għodu, beda il gurì ta Ġammarì li chien katel lil Ġorġ Żammit, il Marsa, f'it-3 ta' Frar li għadda.

L-Imħallfin chienu Sir Joseph Carbone. K.C.M.G. L.L.D. President, id-Dr: Pullicino u il Baruni Dr: Chappelle.

Il Prim Ġurat chien l-Avucat Luigi Albanese, u il ġurati l-oħrajn: Robert Stagno Navarra P.L; Raff: Bonello; Ġuż: Micallef Grimaud; Ugu Peralta; il Curunell Achill Sammut C.M.G.; in-Negozjant Ġanni Bezzina; A. Caruana u Ruġġier Peralta.

Il Ġurati Supplenti, igifieri li jatu il vot biss chemm il darba jonkos j ŭ jimrad xi ŭieħed m'il l-oħrajn, chienu Cesare Wettinger, G. C. Smith u Alf: Pace Balzan.

F'loc l-Avucat ta'l Curuna kagħad il bravu criminalista Dr. Stefano Micallef u id-Difensur chien l-Avucat ta'l Fkar, Dr. Ganado.

Ir-Registratur Curmi ta il ġurament lil ġurati u l-Avucat Micallef beda

### L' ACCUZA.

Beda biex igħid chif ġara il cas. Li f'it-3 ta' Frar li għadda Ġorġ Zammit, il mej e:, chien kiegħed Portu Novu, il Marsa, b'il kiegħda fuk cartell ta'l birra ma sieħbu jitħaddet għal l-affari tiegħu, f'x'il 10 ta' f'il għodu; x'hin minn naħħa ta't triek li tieħu għal Hal Kormi iffaċċa riecheb Ġammarì fuk carrettun. Meta uasal fejn Ġorġ, li ma raħx għa'x chien daħru lejh, Ġammarì niżel b'is-salt, gibed lejn Ġorġ, ħatfu b'idu il ŭaħda minn għonku, bl-oħra silet minn ħżiemu is-sicchina li chien gieb miegħu, u biha ta dakka chemm felaħ f'dahar Ġorġ li is-sicchina bakgħet nieżla sa'l mancu. Ġorġ malli ħass id-dakka u ra lil Ġammarì, għajjat: "Ajma, ajma, gŭardjan, katilni" u telak jiġri. Ġammarì kallu: "Tajtec biex noktloc" u telak jiġri chemm jiflaħ ŭarajh biex icompli itieh. Ġużè Camilleri ta is-salt biex iżomm lil Ġammarì iżda dana rafa is-sicchina u kallu "Erħini għa'x nati lilec ucoll" u baka sejjer jiġri ŭara Ġorġ. F'il ħin 'aħak Anġlu Cardona u ta is-salt biex iżomm lil Ġammarì- Dana xejjirlu dakka ta' sicchina li biha chemm chemm laħku għa'x ċarratlu il kmis u il flanella, iżda dina id-dakka chienet tant kaŭŭija li b'ix-xejra Ġammarì ŭaka fl-art f'it-tajn. Laħku żeŭġ gŭardjani, żammeuh tajjeb, għa'x baka jitħabat, u certu Sultana ħadlu is-sicchina mn'idu. F'dal mument Ġammarì beda jidgħi b'il Madonna u jgħid: "Mela ma mietx, jiena tajtu biex noktlu" Lil Ġorġ daħħluh f'il Cnisja ta Cejlu sa giè it-tabib Ross li malli raħ minnufih bagħtu l-Isptar. Ġorġ miet tnejn u għoxrin ġurnata ġara, f'il 25 ta' Frar, b'il ferita li chien għamillu Ġammarì.

Dana hu il fatt; iżda x'chienu ir-raġunijiet li għalihom Ġammarì għamel dana id-delitt hecc aħrax u icreħ ?

Lejliet id-delitt, li chien il Hadd, 2 ta Frar, f'x'it-tmienja u nofs ta' f'il għaxija Ġorġ Zammit ma' zeŭġ ħbieb tiegħu: Camilleri, *id-Dip* u Anġlu Cardona, daħlu jgħannu f'il ħanut ta't-tè ta' Ġammarì f'Hal Kormi. Ġorġ chien ftit u xejn imlaħlaħ. F'il ħanut ra żagħżuħ, certu Ġużè Cucciardi, *il Bus*, u riedu jixrob. Il Bus ŭieġbu "Grazzi Ġorġ, bħalli chiecu xrobt," Ġorġ tħanfes u kallu: "Mela trid ticsirni;" u x'ħin kal hecc kabad lil Bus minn kaddu. tefgħu ŭiċċu il fuk fuk mejda ta' rħam li chien hemm f'il ħanut u beda jagħfsu goff, iżda dejjem b'iċ-ċajt. Il Bus, beda jgħajjat, indaħal Ġammarì, ħadulu lil Bus m'n idejh li telak jiġri il barra. Ġorġ kal; "Mela cullħadd jiċċajta miegħi u jien ma nista niċċajta ma ħadd" u x'ħin kal hecc kabad banchetta milli chien hemm f'il ħanut, ta dakka biha kaŭŭija fuk il mejda ta'rħam u chisser l-irħama u il banchetta. Meta Ġammarì kallu "Rajt xi ħsara għamiltli, Ġorġ ŭieġbu: "Ma ġara xejn; jiena, jecc naħdem xahar sħiħ għalic, inħallsec, u natic xelin f'il gimgħa. Ġammarì kallu: "Collox seŭŭa, mur" u taptaplu fuk spalltu sa ħareġ, richeb fuk il carrozzin u baka sejjer ma sħabu.

Ġammarì għalak il ħanut, għemghem fuk il ħsara li għamillu Ġorġ, kal ir-rużarju ma'l mara u ma't-tifla u mar biex jorkod f'camartu ma't-tifel. Iżda baka inqŭiet, jippassiġġa ma'l camra sa't-tlieta ta' f'il għodu. M'as-sebħ kam, ħa fi ħżiemu sicchina u telak lejn il Marsa biex isib lil Ġorġ. Chif sabu tah id-dakka chif diġà għedna, u ŭera u kal li tah biex joktlu u għela li ma katlux m'il l-eŭŭel.

